


# L-oriġini u l-bidu tal-Kappelli f'Malta



**Louis Fenech**

Naħseb li xi darba ġietek il-kurżità u staqsejt kif nibtu dawn il-kappelli kollha fil-kampanja, l-ibliet u l-irħula hawn Malta u Għawdex. Għadu ħadd ma ta data tal-bidu ta' dawn il-knejjes kollha. Iżda tajjeb nibdew billi nfakkru bil-miġja tal-ewwel abitanti li waslu Malta – aktar minn Sqallija – xi 5700 sena ilu. Tajjeb li wieħed jgħid li minn 5000 żdied għal 5700 wara studju u riċerka li saret minn diversi universitajiet, inkluża ta' Malta, minn materjal li ttieħed mill-Imnajdra u l-Ġgantija f'Għawdex.

Intant, jekk wieħed jagħti ftit każ ta' kemm għandha siti arkeoloġiċi, u tempji bħal Ħaġar Qim u Ġgantija- li huma l-uniċi fid-dinja – wieħed jinduna li dawn l-antenati kienu fosT l-ewwel li kienu jagħtu qima lil xi alla. Dan juri li l-bniedem dejjem ħass il-ħtieġa li għandu jagħti qima u jirringrazzja xi esseri aqwa minnu li qed jipprovdielu l-għajxien tiegħu ta' kuljum.

Issa jekk inħarsu lejn il-miġja providenzjali ta' missierna San Pawl, insibu li, skont it-tradizzjoni, dan għex it-tliet xhur li dam hawn Malta ġo għar, li llum insibuha bħala l-Grotta ta' San Pawl. Minn dan wieħed jista' jislet li ċ-ċentru tal-kult Nisrani tagħna kien fil-madwar tar-Rabat. Dan għaliex wieħed isib dawk il-katakombi li fihom l-Insara kienu jidfnu lill-għeżież tagħhom.

Hawnhekk wieħed, jekk jitfa' ħarstu ħafna snin lura, wieħed jinduna li l-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' ftit eluf ta' nies. Malta kienet għadha tikkonsisti fi ħbula ta' raba' kull fejn tara, u swaba' ta' mogħdijiet iserrpu qalb dawn l-għelieqi.

U dawn l-ewwel nies kienu jgħixu f'irziezet, imgezzin qaqoċċa 'l hawn u 'l hinn, imbegħdin mix-xtut il-baħar biex ma jaqgħux skjavi jew maqtula mill-attakki għall-għarrieda tal furbani.

Biex niġu għas-suġġett. L-ewwel abitanti kienu bdiewa jew raħħala u wieħed jista' jobsor li kienu nies ta' ġabra.

U l-ewwel postijiet fejn kienu jagħtu qima lil xi alla kienu propju l-għerien li kien hawn. Jew inkella kienu jħaffruhom fil-blat. U dawn kienu l-ewwel,



Il-Grotta ta' San Pawl

biex nghidu hekk, knejjes tagħhom li tat bidu għall-kult tagħna.

Din tal-knejjes fil-blat aktarx li taf il-bidu tagħha minn Sqallija u n-naħa t-isfel tal-Italja. Insibuhom kemm fil-kampanja kollha blat jew inkella aktar urbana. Tajjeb hawn li nagħtu xi eżempji ta' dawn l-imqades fil-blat. Tajjeb wieħed isemmi l-Grotta ta' San Pawl ir-Rabat, u l-għar ta' Santa Agata t-tnejn fir-Rabat, kif ukoll l-għar ta' San Anard f'Wied il-Liemu . Fil-Mosta hemm l-għar tal-Isperanza. Il-Birgu, fil-Forti Sant'Anġlu nsibu l-għar iddedikat lit-twelid tal-Madonna. Ħal Għargħur insibu l-għar ta' San Brincat u l-Għar ta' San Pietru.

Għar interessanti huwa l-Għar ta' San Niklaw fil-Mellieħa li jidher tajjeb mill-bye-pass inti u tiela' mill-Għadira. Dawn huwa għar kbir li jissemma' wkoll fiż-żjara ta' Mons. Dusina. Fortunatament dan l-għar



**L-Għar il-Kbir - Limiti tar-Rabat**



**Il-Grotta ta' San Leonardo, Limiti ta' Wied il-Liemu - Rabat**

huwa miżmum f'kundizzjoni tajba u ta' sikwit isiru żjarat minn għaqdiet universitarju li jkunu qed jagħmlu studju fl-arkeoloġija. Dan l-għar kien iservi għal tliet funzjonijiet. Parti minnu kien użat bħala post ta' abitazzjoni, għax kienu jgħixu diversi familji. Parti oħra kienet tintuża biex irabbu xi annimali fiha, u l-parti l-oħra kienu jużawha bħala post ta' devozzjoni. U dawn kienu separati b'sempliċi ħajt tal-ġebel. Mons. Dusina kien għamel xi rimarki fuqu fejn fost l-oħrajn ma kienx sodisfatt bl-ambjent ta' fejn kien isir il-kult. Għalhekk kien ordna biex dan jiġi iddekonsagrat għaliex ma kienx post fejn jiġu amministrati s-sagramenti, speċjalment kif kien miftuħ u mingħajr għeluq ta' xejn. Immaġina llum postijiet ta' devozzjoni esposti għas-serq kif għandna dawn iż-żminijiet. Għandna ħafna postijiet bħal dawn, iżda impossibbli nindikawhom hawn kollha għaliex irridu volum sħiħ.

Issa ngħaddu għaż-żmien meta ħriġna mill-għerien u bdejna naraw il-knejjes mibnijin bil-ġebla Maltija. Wieħed irid ikun jaf li l-injam kien skars ħafna, u għalhekk is-soqfa huma kollha troll, bil-ħnejjiet bix-xorok bejniet. Il-bini kien kollu kwadru jew rettangulari u naturalment b'korsija waħda. Dan kien fil-bidu medjevali, fejn għad fadal xi ftit eżempji għaliex ħafna knejjes kienu abbandunati u eventwalment iġġarrfu.

Wieħed minn dawn l-irħula medjevali huwa Ħal Millieri li sa s-seklu XVII kien għad kellu komunità żgħira ta' madwara 14-il familja. Dan kien raħal agrikolu antik li jmur lura anke sa żmien l-Għarab. Skont ir-reġistru tat-twelid tal-parroċċa taż-Żurrieq insibu li l-aħħar magħmudija saret fl-1711. F'dan ir-raħal għad insibu żewġ knejjes minn erbgħa li kien hemm li jmorru lura lejn l-1419. Dawn huma dik iddedikata lil San Ġwann Battista li magħha kien hemm ukoll il-knisja ddedikata lil San Mikiel u l-knisja tal-Lunzjata li magħha kien hemm il-knisja ddedikata lill-Viżitazzjoni. Huma miżmuma tajjeb ħafna grazzi għal Din l-Art Ħelwa li kienu ngħataw mill-Isqof Gonzi fl-1956 taħt il-Ħal Millieri Trust. Il-knisja tal-Lunzjata għad għandha ħafna affreski interessanti, u tinfetaħ kull l-ewwel Ħadd tax-xahar.



**Il-Knisja medjevali tal-Lunzjata f'Ħal Millieri**

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-knisja ta' Bir Miftuħ fil-Gudja li hija wkoll eżempju ċar ta' knisja medjevali. Din ukoll tagħmel minnha Din l-Art Ħelwa.

Bħal ta' Ħal Millieri saritilha restawr u tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna ddedikata lil Santa Marija. Fiha nsibu wkoll xi affreski u tinfetaħ kull l-ewwel ħadd tax-xahar. Ma' din il-knisja kien hemm ukoll erba' knejjes oħra li wieħed kien jidħol għalihom mill-bieb prinċipali ta' Bir Miftuħ.

Insibu ħafna eżempji ta' bini medjevali tardiv. Dan juri s-sitwazzjoni ta' faqar li kienu jgħixu fiha missirijietna. Juri wkoll id-devozzjoni li kellhom lejn il-kult li ma tixbah xejn ix-xejra ta' dawn iż-żminijiet. Ma kellhom xejn li jaljenahom, la TV, la ċinema u lanqas każini. Ibakkru għax-xogħol fir-raba' u l-irżieżet u kienu jirtiraw kmieni. Dawn kienu żminijiet oħra.

Mal-miġja tal-Kavallieri dħalna f'epoka differenti. L-Ordni ġabet magħha stil ġdid ta' ħajja u arkitettura Ewropea. Saret qabża kbira kif kienu jinbnew il-knejjes għaliex ġabu magħhom inġiniera u arkitetti Ewropej famużi li ħallewlna bini li trid seba' mitt għajn biex tħares lejh. Biżżejjed insemmu l-Konkatidral ta' San Ġwann. U xi ngħidu għall-bereġ u l-knejjes l-oħra li nsibu fit-toroq tal-Belt. L-istil Barokk li beda mal-miġja tal-Kavallieri inxtered mal-knejjes u l-palazzi tal-ibliet u anke fl-irħula Maltin u Għawdxin.

Dawn huwa ftit mill-istorja tal-knejjes u kif għexu missirijietna fl-imgħoddi fil-kampanja tal-irħula u fl-ibliet ta' Malta u Għawdex. L-istorja tagħhom hija aktar mifruxa u kkulurita. Kulma għamilt tajt ħjiel tal-ewwel ħajjiet missirijietna tal-imgħoddi. Inkitbu mijiet ta' volumi fuq l-istorja bikrija tal-Maltin u l-Għawdxin tal-imgħoddi. Storja glorjuża li tipparaguna sew ma' ħafna mill-pajjiżi Ewropej, fejn ħafna mill-imqades tal-ewwel nies li abitaw fostna, huma uniċi fid-dinja. U tassew għandna biex inkunu kburin.